# Kelma tal-Ħajja

MARZU 2024
ĦARĠA 3

movimento
tal-fokolari

## "Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija" (*Sal* 51[50], 12).

F'dan iż-żmien tar-Randan aħna mistednin ngħixu din is-sentenza li nsibuha fis-Salm numru 51. Fil-vers 12 insibu din it-talba magħmula b'ħeġġa u b'umiltà kbira: 'Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.' Dan il-kliem hu magħruf bħala l-"Miserere" ("Ħniena"). L-awtur ta' dan is-salm jibda billi jfittex fl-aktar partijiet moħbija tar-ruħ tal-bniedem li bihom nagħrfu kemm aħna msejkna quddiem Alla u, fl-istess ħin, l-għatx kbir tagħna biex ningħaqdu ma' Min jista' jiksbilna grazzji kbar, mogħtija lilna bi ħniena liema bħalha.

**"Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija".**

Is-salm jaf il-bidu tiegħu lil ġrajja magħrufa ħafna fil-ħajja tas-sultan David. Alla kien għażlu biex jieħu ħsieb il-poplu Lhudi u jmexxih fl-ubbidjenza lejn il-Patt. Imma hu kiser il-liġi u ma tax każ tal-missjoni li ngħatatlu. Wara li għamel adulterju ma' Betsabea, bagħat lil Urija, ir-raġel tagħha, fuq quddiemnett għall-gwerra, fejn hemm tilef ħajtu. Il-profeta Natan urieh kemm kienet kbira ħżunitu u għenu jagħraf id-dnub tiegħu. B'hekk għal David kien wasal iż-żmien li jistqarr dan id-dnub u jerġa' jagħmel paċi m'Alla.

**"Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija".**

L-awtur ta' dan is-salm ipoġġi fuq fomm is-sultan talb qawwi ħafna li joħroġ mis-sogħba kbira u l-fiduċja fil-maħfra t'Alla: "ħassar ħtijieti", "naddafni", "saffini". Saħansitra, f'dan il-vers juża l-kelma "oħloq", biex biha juri li Alla biss jista' jeħles il-bniedem min-nuqqas ta' ħila tiegħu. B'dan l-għarfien nindunaw li Hu biss jista' jagħmilna ħlejjaq ġodda, jagħtina "qalb safja". Hu biss jista' jimliena bl-ispirtu tiegħu li jagħti l-ħajja u bil-ferħ Tiegħu. Hu biss jibdel mill-qiegħ ir-rabta tagħna ma' Alla u mal-ħlejjaq l-oħra, u mal-ħolqien kollu.

**"Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija".**

Kif nistgħu ngħixu din il-Kelma tal-ħajja? L-ewwel pass li jeħtiġilna nagħmlu hu li nagħrfu li aħna midinbin u neħtieġu l-maħfra t'Alla. Irridu nġibu ruħna quddiemu b'fiduċja mill-aktar kbira. Għandu mnejn l-iżbalji li naqgħu spiss fihom jaqtgħulna qalbna u jagħlquna fina nfusna. Għalhekk jeħtieġ inbexxqu ftit il-bieb ta' qalbna. Chiara Lubich, fis-sena 1940, kitbet ittra lil xi ħadd li kien iħossu bla ħila minħabba l-miżerji tiegħu: "Irridu nwarrbu minn moħħna kull ħsieb ieħor, filwaqt li nemmnu li Ġesù jinġibed lejna jekk aħna b'umiltà u mħabba kbira nistqarru dnubietna. Aħna, min-naħa tagħna, m'għandna xejn u ma nagħmlu

xejn għajr miżerji. Hu, min-naħa tiegħu, m'għandux għajr kwalità waħda lejna: il-Ħniena. Ruħna tista' tingħaqad miegħu biss billi toffrilu mhux il-virtujiet tagħha, imma dnubietha! [...] Jekk Ġesù ġie fid-dinja, jekk Hu sar bniedem, jekk hemm xi ħaġa li tant jixtieq [...] hi biss: li jkun is-Salvatur tagħna, it-Tabib tagħna! Ma jixtieq xejn aktar minn hekk" [1].

**"Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija".**

Wara li naqalgħu l-maħfra rridu nżommu f'moħħna l-għajnuna ta' ħutna, għax is-saħħa tan-Nisrani tiġi mill-komunità; irridu nintefgħu nħobbu 'l ħutna b'mod konkret, ikunu min ikunu. "Dak li hu mitlub minna hu li nħobbu lil xulxin, b'imħabba li taqdi, tifhem, tagħraf tagħmel tagħha t-tbatija, it-taqtigħ il-qalb, u l-ferħ ta' ħutna; b'dik l-imħabba li tgħatti kollox, taħfer kollox, li hi tipika tan-Nisrani" [2].

Fl-aħħarnett, Papa Franġisku jgħid: "Il-maħfra t'Alla [...] hi l-ikbar sinjal tal-ħniena tiegħu. Hi grazzja minn Alla u kull min jirċeviha hu msejjaħ jaqsamha ma' kull min jiltaqa'. Dawk kollha li l-Mulej ipoġġi ħdejna, il-familjari, il-ħbieb, il-kollegi, il-parruċċani... ilkoll kemm huma jeħtieġu l-ħniena t'Alla, kif neħtiġuha aħna wkoll. Kemm hi sabiħa l-maħfra, imma anki int, jekk trid li taqla' l-maħfra, trid taħfer inti wkoll. Aħfer! [...] biex tkun xhud tal-maħfra tiegħu, li ssaffina u tibdlilna ħajjitna" [3].

Augusto Parody Reyes u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**1. C. Lubich, *Lettere 1943-1960*, ta' F. Gillet, (*Opere di Chiara Lubich 4/1*), Città Nuova, Ruma 2022; pġ. 350.**

**2. C. Lubich, Kelma tal-Ħajja Mejju 2002, fil-ktieb Parole di Vita, ta' Fabio Ciardi (*Opere di Chiara Lubich 5*), Città Nuova, Ruma 2017, pġ. 658-659.**

**3. PAPA FRANĠISKU, Udjenza Ġenerali, Il-ħniena tħassar id-dnub, 30 ta' Marzu 2016.**

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise',
Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**